MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Numru 42/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Abdirahman Ahmed Mahmud**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 42 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Abdirahman Ahmed Mahmud li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi għall-ħabta tad-disa' ta' filgħaxija (21:00) tat-Tlieta, tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) Aboker Duale Mustafa, Somalu li prova jsib kenn f'Malta, kien qiegħed fiċ-Ċentru tat-Tined li jinsab f'Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq. Kien jinsab ħdejn tinda li ġġib in-numru sbatax (17). Kien qiegħed viċin persuni Somali oħrajn, fosthom Hassan Mohammed Fu' Aad u Abdi Hayd Ibrahim. Fil-fatt fiċ-Ċentru tat- Tined ta' Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq hemm komunita imdaqsa ta' persuni Somali li jiltaqgħu hemmhekk. Dawn il-persuni Somali

ġejjin minn tribuwijiet diversi, u xi drabi jinqalgħu ukoll xi tilwimiet bejniethom.

Dak in-nhar fil-għaxija, fil-fatt kien inqala inċident. F’dan l-inċident kien involut l-akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud, li huwa persuna Somala li ingħata “temporary humanitarian status”. L-akkużat fil-fatt sofra xi ġrieħi ħfief f’rasu a kawża ta’ dan l-inċident. Aboker Duale Mustafa u l-akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud kienu jafu lil xulxin, pero kienu ġejjin minn tribuwijiet differenti. Aboker Duale Mustafa ma kellux x’jaqsam mal-inċident li fih kien involut preċedentement l-akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud. Iżda l- akkużat xorta waħda daħħalha f’moħħu li Aboker Duale Mustafa kien fil-kumpanija tal-persuni li qabel kienu involuti fl-inċident miegħu. L-akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud ried jirritalja billi jkun hemm tpattija għal dan l-inċident li seħħ u li tiegħu ried sudisfazzjon.

B’hekk l-akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud rama’ ruħu b’arma bil-ponta u avviċina ruħu lejn it-tinda numru sbatax (17) li fejna kien dak il-ħin kien jinstab Aboker Duale Mustafa u ż-żewġ persuni Somali l-oħra. Abdirahman Ahmed Mahmud resaq lejn Aboker Duale Mustafa minn wara, għamel il-ħsieb u l-intenzjoni spiċifika pożittiva u diretta li joqtol lil Aboker Duale Mustafa jew li jqegħdlu ħajtu f’perikolu ċar waqt li Aboker Duale Mustafa kien daharu lejh, qabad din l-arma bil-ponta li kien qed iġorr f’idejh, u ta żewġ daqqiet biha fuq in-naħa tax-xellug ta’ sider Aboker Duale Mustafa. Fil-fatt, wara li ssejħet l-għajnuna tal-Pulizija, Aboker Duale Mustafa ittieħed l-isptar Mater Dei għall-kura.

Dawn id-daqqiet li saru b’din l-arma mill-akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud fuq ix-xellug ta’ sider Aboker Duale Mustafa ġew wara klassifikati bħala żewġ “stab wounds”. Dawn il-feriti ġew kawżati minn żewġ daqqiet fondi b’din l-arma f’direzzjonijiet differenti. Dawn l-i ”stab wounds” kienu tant fondi li ppenetraw il- kavita tas-sider ta’ Aboker Duale Mustafa, faqgħu il-ħajt ta’

żaqqu, ċartu l-fwied u d-dijaframma. Fil-fatt meta ttieħed l-isptar Mater Dei, huwa kien tilef ħafna demm u kien ukoll fil-periklu tal-mewt. Skond l-esperti maħtura mill-Qorti irriżulta li ċ-ċikatriċi kawżati minn dan l-inċident jibqgħu marki permanenti u li jibqgħu jidhru fuq il-persuna ta' Aboker Duale Mustafa.

B'hekk Abdirahman Ahmed Mahmud ma laħaqx jikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Aboker Duale Mustafa jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar bid-daqqiet ta' din l-arma biss grazzi għall-effiċjenza u preċiżjoni tat-tobba li kkurawh immedjatament meta daħal l-Isptar Mater Dei għaliex wara l-aggressjoni Abdirahman Ahmed Mahmud ħalla lil Aboker Duale Mustafa għal mejjet minxur mal-art.

Illi b'għemilu l-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbliika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill- imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD, talli nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa' ta' filgħaxija (21:00) fiċ-Ċentru tat-Tined li jinsab f'Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Aboker Duale Mustafa) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il- ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD u illi huwa jiġi kkundannat għall- piena ta' priġunerija minn sebgħa snin snin sa tletin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17(h), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa' ta' filgħaxija (21:00) fiċ- Ċentru tat-Tined li jinsab f'Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq, wara li l- akkużat Abdirahman Ahmed Mahmud daħħalha f'rasu li Aboker Duale Mustafa kien fil-kumpanija ta' xi persuni Somali li ftit ħin qabel kellu argument magħhom iddeċieda li jpattihielu bl-ikraħ u fil-fatt rama' ruħu b'arma bil-ponta, avviċina ruħu lejn it-tinda numru sbatax (17) li fejna kien dak il-ħin kien jinstab Aboker Duale Mustafa u żewġ persuni Somali l-oħra, resaq lejn Aboker Duale Mustafa minn wara, għamel il-ħsieb u l-intenzjoni speċifika pożittiva u diretta li joqtol lil Aboker Duale Mustafa jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar u "a tradimento" qabad l-arma bil-ponta li kien qed iġorr f'idejh, u ta' żewġ daqqiet b'din l-istess arma bil-ponta fuq in-naħa tax-xellug ta' sider Aboker Duale Mustafa. Fil-fatt, wara li ssejħet l-għajnuna tal-Pulizija, Aboker Duale Mustafa ittieħed l-isptar Mater Dei għall-kura u kien grazzi għall-intervent f'waqtu tat-tobba u kirurgi f'dan l-isptar li Aboker Duale Mustafa ma mietx.

Illi b'għemilu l-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD sar ħati talli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl- isfond taż-żmien, lok, fatti, u

ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD, ħati talli, nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa' ta' filgħaxija (21:00) fiċ- Ċentru tat-Tined li jinsab f'Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq, fil-ħin li għamel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta], u l-artikoli 17(h), 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċjoè nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta' Lulju tas- sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa' ta' filgħaxija (21:00) fiċ-Ċentru tat-Tined li jinsab f'Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq, ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD, kellu fuq il-persuna tiegħu arma bil-ponta mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-akkużat fil-fatt ta diversi daqqiet f'sider Aboker Duale Mustafa b'din l-arma kif ġjà spjegat fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża.

Illi b'għemilu l-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD sar ħati talli, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl- isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD, ħati talli, nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn

u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa’ ta’ filgħaxija (21:00) fiċ- Ċentru tat-Tined li jinsab f’Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq kellu f’idejh jew fuqu sikkina b’xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ multa ta’ mhux iżjed minn mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7), 56, 57 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kap. 480], u l-artikoli 23, 17(h) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi fl-istess kuntest ta’ żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel u fit- tieni kap ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċjoè nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa’ ta’ filgħaxija (21:00) fiċ- Ċentru tat-Tined li jinsab f’Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq, ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Aboker Duale Mustafa, jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tiegħu f’periklu ċar, ħebb għalih u tah diversi daqqiet ta’ arma bil- ponta tant li Aboker Duale Mustafa sofra diversi feriti f’sidru. Dak il- ħin kienu għaddejin u preżenti diversi persuni fl-inħawi u dan l-aġir kriminali ta’ l-akkużat kien tali li nissel tħassib f’moħħ dawn il- persuni dwar l-inkolumità fiżika tagħhom.

Illi b’għemilu l-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD sar ħati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl- isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f’dan il-kap t’akkuża, jakkuża lill-imsemmi ABDIRAHMAN AHMED MAHMUD, ħati talli, nhar it-Tlieta, tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tad-disa’ ta’ filgħaxija (21:00)

fiċ- Ċentru tat-Tined li jinsab f'Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' detenzjoni għal żmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l- imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Abdirahman Ahmed Mahmud **mhux hati** skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, izda hati li kkaguna offiza ta' natura gravi li kkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi part ital-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Mustafa Duale Aboker w bi tmien (8) voti favur u b'wiehed (1) vot kontra sabuh hati tat-Tieni, tat-Tielet u tar-Raba' Kapi tal-Att tal-Akkuza.

1. Tiddikjara ghalhekk lil Abdirahman Ahmed Mahmud mhux hati talli fit-8 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tad-9.00 p.m. fic-Centru tat-Tined li jinsab f'Hal-Far, limiti taz-Zurrieq, ikkommetta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Aboker Duale Mustafa) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, izda hati li kkaguna offiza ta' natura gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Mustafa Duale Aboker;

2. Tiddikjara lil abdirahman Ahmed Mahmud hati talli fit-8 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tad-9.00 p.m. fic-Centru tat-Tined li jinsab f'Hal-Far, limiti taz-Zurrieq, fil-ħin li għamel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi

arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. Tiddikjara lil abdirahman Ahmed Mahmud hati talli fit-8 ta’ Lulju, 2008, ghall-habta tad-9.00 p.m. fic-Centru tat-Tined li jinsab f’Hal-Far, limiti taz-Zurrieq, kellu f’idejh jew fuqu sikkina b’xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. Tiddikjara lil abdirahman Ahmed Mahmud hati talli fit-8 ta’ Lulju, 2008, ghall-habta tad-9.00 p.m. fic-Centru tat-Tined li jinsab f’Hal-Far, limiti taz-Zurrieq, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dana skond ir-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Simon Micallef Stafrace kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 6 u 51(7), 56, 57 u 61 tal-Att Dwar l-Armi [Kap. 480] 41(1)(a), 211(1)(2), 17(h), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati **Abdirahman Ahmed Mahmud** ghall-piena komplessiva ta’ hames (5) snin prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ seba’ mija w disgha w sebghin Euro w hames centezmi (€779.05), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

F’kaz li l-ispejjez ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------